# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 29**

**Rikors numru 1068/09 FS**

**Strings Enterprises Limited (C 24629)**

**v.**

1. **Philip Carbonaro**
2. **Rita Zammit**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat li s-soċjetá attriċi ppreżentat fit-3 ta' Novembru, 2009, u li jaqra hekk:

> "**1**. **ILLI** l-intimati *in solidum* bejniethom huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' **sittax-il elf u seba' u disghin Ewro u seba' u ghoxrin Ewro centezmu (€16,097.27) [VAT inkluz]** rapprezentanti bilanc mill-prezz ta' merkanzija, konsistenti fi hwejjeg u oggetti ohra ta' l-ilbies, debitament mibjugha u konsenjati lill-intimati mis-socjeta` rikorrenti fuq ordni u talba tal-istess intimati u dana skond fatturi annessi mar-rikors u mmarkati bhala **Dok SEL 1**.

“**2**. **ILLI** dan id-dejn huwa ammess mill-intimati tant li kienu anke wettqu pagamenti akkont kif jidher mir-rendikont anness mar-rikors u mmarkat bhala **Dok SEL 2**.

“**3**. **ILLI** dan id-dejn huwa cert, likwidu u skadut skond il-Ligi u huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti.

“**4**. **ILLI** nonostante li l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu permezz ta’ ittra ufficjali *ai termini* ta’ l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ta’ l-1 ta’ Settembru, 2009 huma baqghu inadempjenti.

“**5**. **ILLI** s-socjeta` rikorrenti taf li l-intimati m’ghandhomx eccezzjonijiet ossia risposti validi x’jaghtu kontra din it-talba.

“**6**. **ILLI** ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.

“**GHALDAQSTANT** ir-rikorrenti qeda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:

**1.** “**TORDNA** d-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u

**2.** “Filwaqt li **TIDDIKJARA** lill-intimati *in solidum* bejniethom bhala debituri tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta’ **sittax-il elf u seba’ u disghin Ewro u seba’ u ghoxrin Ewro centezmu (€16,097.27) [VAT inkluz]** kif fuq spjegat, **TIKKUNDANNA** lil istess intimati *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma msemmija ta’ **sittax-il elf seba’ u disghin Ewro u seba’ u ghoxrin Ewro centezmu (€16,097.27) [VAT inkluz]**.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali taht l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 1 ta’ Settembru, 2009 u tal-Mandat ta’ Sekwestru intavolat kontestwalment u bl-imghaxijiet kummercjali sal-pagament effettiv kontra l-intimati li gew ingunti in subizzjoni”.

Rat illi b’digriet mogħti mill-ewwel Qorti fit-8 ta’ Diċembru, 2009, il-konvenuti ġie awtorizzati jikkontestaw il-pretensjoni attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li in forza tagħha eċċepew illi:

“1. Illi in linea preliminari ghandu jinghad illi s-socjeta` rikorrenti ma messha qatt ipprocediet fit-termini ta’ artikolu 167 – 170 tal-Kap. 12

tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li taf li l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet validi x'jaghtu u dana *stante* li fuq is-suggett sar korrispondenza kopjuza u anke proceduri *ai termini* ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi din il-proceduri adoperata fic-cirkostanzi hi irrita u nulla;

"2. Illi in linea preliminari wkoll l-intimati la ghandhom u la qatt ma kellhom relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici imma *se mai* u in pessima ipotezi r-relazzjoni kontrattwali li huma kellhom kienet ma' Godfrey Agius u kwindi l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

"3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghandu jinghad li l-pretensjonijiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-merce konsenjata lill-intimati ma kenitx mibjugha lilhom izda kienet hekk ikkonsenjata *on consignment* mill-imsemmi Godfrey Agius liema merce huwa liberu li jirtira kif gia mitlub li jaghmel persistement mill-intimati

"4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-ligi".

Rat is-sentenza li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat fis-7 ta' Mejju, 2013, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens li ġej:

"Tichad l-eccezzjoni dwar nuqqas ta' relazzjoni guridika.

"Tilqa' t-tielet eccezzjoni ta' l-intimati u ghalhekk naturalment tichad it-tieni talba tar-rikorrenti.

"Minhabba n-natura tal-provi taz-zewg nahat, spejjez bin-nofs".

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**C. PROVI:**

"Gie pprezentat affidavit ta' Ronald N. Agius direttur tas-socjeta` rikorrenti li kkonferma l-kontenut tar-rikors guramentat. Hu nsista li d-dejn huwa ammess mill-intimati u li l-intimati kienu ghamlu hlasijiet akkont. Bhal ma hemm imnizzel fir-rikors guramentat hu jirreferi ghad-Dokumenti SEL1 u 2 izda ma hemm enda dokument b'dawn l-ismijiet pero` prezumibilment ir-rikorrenti qed jirreferu ghad-dokumenti a fol 5

u 10 li pero` minnhom ma jirrizultax jekk hux *invoice* jew *cash sale* u li saru diversi hlasijiet fejn l-ammont normalment huwa irrotondjat.

“Meta xehed qal li l-ftehim kien wiehed ta’ bejgh izda li l-intimati jhallsu bin-nifs.

“Xehed Godfrey Agius u semma li huma jimpurtaw il-hwejjeg u li meta sar jaf li l-intimati riedu jnehhu l-hanut taghhom hu offrielhom li jibda jbieghlhom ix-xoghol hu. Insista li s-sistema kienet bejgh u mhux *on consignment*. Insista li l-*invoices* kienu gew iffirmati mill-intimati. Iddeskriva fol 10 li juri x’kellhom jiehdu minghand l-intimati u l-firem tieghu dwar hlasijiet. Il-ftehim kien li jhallsuh xi haga fil-gimgha. Insista li hu ma kienx dispost jiehu l-hwejjeg lura.

“Xehdet Rita Zammit u qalet li taghraf il-firma taghha fuq l-*invoices*. Semmiet li a fol 10 hemm imnizzel il-pagamenti kollha li ghamlet. Insistiet li huma kellhom jirrangaw il-hanut waqt li Godfrey Agius igib ix-xohol. Semmiet li l-*invoices* mhux intestati ghalihom. Il-qligh kellu jmur bin-nofs bejn is-socjeta` rikorrenti u l-intimati. Insistiet li x-xoghol kien *on consignment*. Hi kienet ghamlet l-i*stock taking* u meta sabu li kollox qed jaqbel qalu li mhemmx ghalfejn jivverifikaw ulterjorment.

“Xehed l-intimat Philip Carbonaro u qal li l-kera tal-hanut kienu jhallsuha hu u ohtu. Is-*sales* huma koperti bil-*VAT receipts*. Semma li xoghol kellhom igibuh ta’ Agius u wara jasqmu l-qligh.

“Gie prezentat affidavit ta’ John Attard, *partner* ma’ BDO fejn semma li hu u Carbonaro kellhom certu hbiberja ma’ xulxin. Ftakar li xi zmien qabel Philip Carbonaro mar l-ufficcju tieghu u qallu li Agius kien ippropona arrangament fejn Carbonaro jipprovdi l-hanut, liema hanut jitmexxa minn Rita Zammit waqt li Agius jipprovdi l-merkanzija. Xehed li l-merkanzija kellha tibqa’ ta’ Agius. Kienu saru diskussjonijiet biex Carbonaro jixtru l-hanut. Hu illistja ricevuti fuq *spread sheet*. Il-bejgh ta’ kuljum kien jitnizzel fuq pitazz. Xi zmien wara Carbonaro kien infurmah li Agius ried jithallas tal-merkanzija kollha.

“In kontro-ezami qal li hu qatt ma kien prezenti fin-negozjati, ghalhekk, fl-affidavit kien irrefera ghal dak li kien qallu hu.

“Xehed Mario Carbonaro li hu jigi hu l-intimati u mhux fin-negozju maghhom li semma li hutu kellhom hanut biz-zraben u wara ghamluh bil-hwejjeg u kienu qeghdin jirrangawh, Rahal Gdid, Hal Tarxien. Semma li kien hemm persuna qed tinnegozja ma’ hutu u hu kien qallu ‘Isma, la, hekk jew b’hekk il-hwejjeg mhux tieghek, ma ghandekx inkwiet ghax hekk jew b’hekk, ir-riskju mhux ghalik’ wara li huh kien qallu li bil-persentagg. Dan kien jafu minn dak li qallu huh ghax ma kienx prezenti f’diskussjonijiet bejn hutu u t-terza persuna.

“**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"***D1. Fatti fil-qosor:***

"Ir-rikorrenti qed titlob il-kundanna ta' l-intimati *in solidum* ghall-hlas ta' €16,097.27 ta' bejgh ta' hwejjeg filwaqt li l-intimati eccepew li l-oggetti kienu on *consignment*, u ghalhell il-merca tista' tigi ritirata mir-rikorrenti. Eccepew ukoll li ma kellhomx relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti izda *se mai* ma' Godfrey Agius. Il-fatti relevanti huma riportati fuq. Sfortunatament il-partijiet taw verzjoni totalment opposta fejn ix-xhieda tar-rikorrenti qed isostnu bejgh ta' oggetti waqt li l-intimati baqghu jinsistu li l-oggetti waslu ghandhom *on consignment* bi ftehim li l-qligh imur bin-nofs. Il-valur ta' l-oggetti mhux kontestat.

"***D2. Min jallega jrid jipprova:***

"Il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-kawza deciza minnha stess kif presjeduta fis-16 ta' April, 2013 fl-ismijiet **Martin Mifsud *et* vs Marika Almerigo** fejn intqal:

> "Min jallega jrid jipprova – *qui allegat probat*. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur ta' l-artikolu 562 tal-Kap 12. L-artikolu 559 ukoll jipprovdi li l-Qorti gahndha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib.

"Ukoll, fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Appell *Sede* Inferjuri, 27 ta' Gunju, 1953 insibu:

> "ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"*onus probandi*" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "*ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*"."

"Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tieghu. Mhux necessarju dak li jirrikjedi l-kamp kriminali li ssir prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

"Jigi osservat ukoll li kif intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fi **Frank Giordmaina Medici *et* vs William Rizzo *et*** (deciza 28/04/2004):

> "...li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti w li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*.

"F'kaz li l-attur jonqos li jipprova dak minnu allegat, jibqa' dejjem jimpera l-principju '*actore non probante reus absolvitur*'. L-attur li jallega l-incident ma sehhx b'tort jew b'negligenza tieghu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-proncipju l-iehor '*reus in excipiendo fit actor*', ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa' fuqu.

"Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri** (deciza 31/5/1972) dik il-Qorti kienet qed tezamina hsara b'tort tal-konvenut, qalet is-segwenti:-

> "… Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort ta' l-atturi". Illi huwa ghalhekk l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi w allegati fic-citazzjoni."

"Finalment il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha stess tal-31 ta' Jannar, 2007 fl-ismijiet **MiddleSea Insurance p.l.c. vs Rudolph Spiteri** (Cit. Nru. 1168/03FS) li fiha gabra ta' decizjonijiet fuq dan l-aspett.

"***D3. Relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti:***

"L-intimati eccepew li huma ma kellhomx relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti u *se mai* ir-relazzjoni li kellhom kienet ma' Godfrey Agius u li ghalhekk kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

"Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo *et* vs Jason Azzopardi *et*** deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001 mill-Qorti ta' l-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

> "Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika *prima facie* jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.

"Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza." Interessanti wkoll dak li sostniet il-Qorti ta' l-Appell (*Sede* Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma *et* vs Emanuel Grixti** fejn inghad:

> "b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partiiiet in virtu` ta' liema l-wiehed, kreditur

ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm '*di dare*' jew '*di fare*' jew '*di non fare*'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha."

"Il-Qorti kellha l-okkazjoni li tistudja dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd. Vs Michael Debono *nomine et*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005. Fost affarijiet ohra hi kkwotat minn diversi sentenzi l-principji applikabbli fuq is-suggett tal-legittimu kontradittur:

"...il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Frank Cilia *noe* vs Charles Scicluna** deciza fis-27 ta' April 1992 (Vol LXXVI.iv.673) u fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici *noe* vs Mark Grima** deciza fit-30 ta' April 19921[1]:

"Illi hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor;

"Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;

"Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong mandato no. 50) citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203. Inoltre, ghandu jigi rrilevat li l-ligi tezigi (Art. 993 Kap. 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede."

"6.10. Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Legend Real Estate Ltd v. Ron Chetcuti**, il-Qorti ta' l-Appell[2] gie ritenut ukoll li,

"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa konnoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta (**John Vella *noe* v. Anthony Vella *et***, Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Dicembru 1999)."

"U aktar tard ziedet li:

"Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero` wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel

[1] Vol. LXXVI iv 677.
[2] 2 20 ta' Ottubru 2003.

> f'isimha proprju (**Lawrence Formosa *et noe* v. Silvio Felice**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999)."

"Mis-suespost jemergu dawn il-principji:

- "normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu;

- "Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;

- "fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz;

- "kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi ezegwita in *buona fede*;

- "min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku li f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata;

- "altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta;

"Naturalment kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-fattispeci partikolari tieghu biex wiehed jara jekk il-principji fuq esposti gewx applikati *o meno*. Ir-rikorrenti kkwotat l-imsemmija ta' **Camel Brand Co. Ltd. vs Michael Debono** biex tipprova li fil-fatt is-socjeta` rikorrenti kienet il-legittimu kontradittur. Ir-rikorrenti sostniet li l-intimati ma gabu ebda prova li ma kienux konsapovoli li Godfrey Agius qed jagixxi f'isem is-socjeta` rikorrenti. Ir-rikorrenti ssostni li Godfrey Agius dejjem ghamilha cara li hu qed jikkontratta f'isem socjeta` li timporta l-merkanzija in kwistjoni. Min-naha ta' l-intimati dawn sostnew li qatt ma kellhom indikazzjoni li n-negozju qed isir mad-ditta rikorrenti. L-intimati nsistew li l-ewwel darba li huma semghu b'din is-socjeta` kien meta nfethet din il-kawza u gew esebiti xi *invoices* minn ktieb intestat.

"Izda l-Qorti meta ezaminat id-dokumenti a fol 5 sa 9 tal-process u li fuqhom hemm ukoll il-firma ta' l-intimata jidher car mill-kliem "*From Strings Enterprises Ltd*" li n-negozju kien qed isir mas-socjeta` rikorrenti. Forsi Godfrey Agius messu kien aktar car izda d-dokumenti esebiti jaghmluha cara li l-intimati kienu jafu ghal min kien qieghed jidher u ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni.

"***D4. Bejgh jew negozju on consignment:***

"Hawnhekk irid jirizulta b'mod car u inekwivoku li n-negozju kien bejgh biex tkun tista' tirnexxi l-azzjoni tar-rikorrenti. Ghandna zewg verzjonijiet totalment differenti fejn Godfrey Agius ghas-socjeta` rikorrenti jsostni li kien bejgh waqt li l-intimati nsistew li kien negozju *on consignment* bil-qligh jinqasam fin-nofs. Din hija kwistjoni ta'

kredibilita` u jinkombi kif inghad fuq li min jallega jrid jipprova u li ghalhekk jinkombi fuq is-socjeta` rikorrenti li tipprova dan.

"Ir-rikorrenti ssostni li l-intimati *in solidum* bejniethom huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' €16,097.27 (VAT inkluz) rapprezentanti bilanc mill-prezz ta' merkanzija, konsistenti fi hwejjeg u oggetti ohra ta' l-ilbies, debitament mibjugha u konsenjati lill-intimati mis-socjeta` rikorrenti fuq ordni u talba ta' l-istess intimati. Ir-rikorrenti jinsistu li l-intimati ammettew dan id-dejn tant li kienu anke wettqu pagamenti akkont.

"L-intimati jsostnu li l-partijiet kienu waslu ghal dan il-ftehim wara li kienu marru ghand sid il-hanut fejn kienu talbuha sabiex huma jcedu l-kirja lil Godfrey Agius u hija talbet zieda fil-kirja u ghalhekk kienu iddecidew li huma (l-intimati) jibqghu fil-hanut izda jbieghu biss il-hwejjeg ta' Agius. L-intimati jghidu li huma kellhom ftehim fis-sens li kellhom jghamlu *upgrade* tal-hanut u dan sar kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol 63 liema dokument qatt ma gie kontestat u ghalhekk huma onoraw il-parti taghhom tal-ftehim.

"Irrizulta wkoll li Agius kien ghamel *stock taking* tal-merce li kien hemm ghand l-intimati u kieku ma kienx minnu li kien hemm il-ftehim li jghidu l-intimati x'kien l-iskop ta' tali *stock taking*. Ma kienx jaghmel sens.
Fil-kaz ta' bejgh *on consignment*, kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta April, 1951 fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Avukat Dr. George Vassallo *noe* vs Victor Caruana *noe***:

> "il-kuntratt ta` spedizzjoni ta' merci "*on consignment*" huwa kuntratt mhux ta` bejgh, imma pjuttost ta` kummissjoni. F'kaz ta` kuntratt simili, il-kreditu ghandu dritt jitlob, mhux il-prezz tal-merkanzija kollha konsenjata, imma l-prezz tal-merkanzija li tkun imbieghet, u r-restituzzjoni tal-merakznija li ma nbieghetx".

"(Ara wkoll **Joanna Briffa vs Bernard Gauci *et*** deciza nhar it-22 ta' Gunju 2005 mill-Qorti ta' l-Appell *Sede* Inferjuri per Imhallef Philip Sciberras).

"Kif jissottomettu l-intimati:

> "Dan ghaliex il-parti li tircevi l-mercja ma ssirx il-proprjetarja ta' dik merkanzija bhal ma jigri f'kaz ta' bejgh,izda ghandha biss minn natura ta' depozitarju bl-obbligu li, mal-bejgh ta' dik il-merkanzija lill-terzi persuni Kopja Informali ta' Sentenzabil-prezz. Il-parti li tircievi l-merkanzija "*on consignment*" hija ghalhekk il-kustodja ossia depozitarja ta' dik il-merkanzija u bhala tali ma tistax tippreskrivi favur taghha inkwantu dik il-parti tkun qed izzomm il-haga f'isem haddiehor."

"Jidher li din hija sitwazzjoni li giet krejata minhabba d-decizjoni tal-partijiet li ma jsirx kuntratt gdid ta' kirja izda biex jigi evitat l-awment ta' kera l-partijiet waslu ghal certu decizjonijiet. Ukoll, ghaliex ma rrizultax

ftehim bil-miktub, bi skrittura quddiem Avukat jew Nutar jew anke redatt minn xi *Accountant* tal-kumpanija rikorrenti. Anqas ma gew esebiti l-kotba tan-negozju tas-socjeta` rikorrenti minn fejn minnhom irrizulta li r-rikorrenti kienet qed tiehu tbigh l-oggetti. Anqas ma gie esebit xi *statement* dettaljat li jipprova li fil-fatt l-oggetti kienu qeghdin jinbieghu. Id-dicitura fuq id-dokumenti esebiti ma twassalx ghal wisq ghax qieghdha fuq ktieb bil-*heading Invoice/Cash Sale*. Illi ghalhekk il-Qorti thoss li ma ntalahaqx dak il-livell ta' provi necessarju biex ir-rikorrenti tipprova l-allegazzjoni taghha".

Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjetá attriċi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti jogħġobha:

"..tvarja u tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti u cioe` billi **tikkonfermaha** in kwantu u iddecidiet li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti tigi dikjarata sorvolata u **tikkonfermaha ukoll** in kwantu t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti giet michuda, izda **tirriformaha** fejn laqghet it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u cahdet it-tieni talba attrici u dana billi tirrevoka l-istess parti tas-sentenza u minflok jigi dikjarat u deciz illi t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti tigi ukoll michuda u t-tieni talba tas-socjeta appellanta tigi milqugha.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati".

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti tiċħad l-appell interpost, bl-ispejjeż kontra s-soċjetá appellanti;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi f'din il-kawża s-soċjetá attriċi qed tallega li biegħet merkanzija, konsistenti fi ħwejjeġ u oġġetti oħra tal-ilbies, lill-konvenuti, u għalkemm dawn għamlu diversi pagamenti, għad fadlilhom iħallsuha s-somma ta' €16,097.27. Il-konvenuti ċaħdu dan u jgħidu li l-konsenja ma kenitx bejgħ, iżda "*on consignment*"; għalhekk isostnu li huma m'għandhom jagħtu xejn lis-soċjetá attriċi li tista', meta trid, tmur tiġbor il-ħwejjeġ lura.

L-ewwel Qorti abbraċċjat it-teżi tal-konvenuti, u qalet li s-soċjetá attriċi ma pprovatx li bejn il-partijiet kien hemm negozju ta' bejgħ; hi, għalhekk, ċaħdet it-talbiet attriċi.

Is-soċjetá attriċi appellat mis-sentenza u tissottometti li ma hemmx prova li l-konsenja saret *on consignment*, u li allura t-trasferiment tal-merkanzija seħħ b'titolu ta' bejgħ.

Din il-Qorti tirrileva li, kif inhu ovvju, hemm differenza bejn kuntratt ta' bejgħ u ftehim ta' konsenja *on consignment.* Fl-ewwel każ, ikun hemm trasferiment ta' proprjetá mill-venditur a favur ix-xerrej, waqt li fit-tieni każ, l-oġġett jibqa' tal-proprjetarju sakemm jinbiegħ lill-terzi mill-parti l-oħra tal-ftehim. F'dan it-tieni każ, il-proprjetarju jkollu dritt għall-ħlas tal-prezz tal-oġġett jekk u meta l-istess oġġett jinbiegħ lill-terzi mill-parti l-oħra, b'dan li jekk l-oġġett ma jinbiegħx, l-aktar li jkollu dritt hu li jieħu ħwejġu lura. F'din il-kawża, il-konvenuti jsostnu li dan kien il-ftehim

bejnhom u s-soċjetá attriċi; din tal-ahhar kellha tforni l-ħwejjeġ fil-ħanut tal-konvenuti u meta jinbiegħu, il-qliegħ jinqasam bin-nofs bejn is-soċjetá attriċi u l-konvenuti.

Din il-kawża tiddependi ħafna minn apprezzament tal-provi prodotti, aktar u aktar peress illi l-ftehim mill-partijiet ma sarx bil-miktub. Normalment, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel Qorti, pero`, dan tagħmlu jekk thoss li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti tkun waħda sorretta mill-provi kif tifimhom u tapprezzahom din il-Qorti. F'dan il-każ, din il-Qorti eżaminat il-provi u tara li ma tistax tikkondividi l-konklużjoni tal-ewwel Qorti li, bejn il-partijiet, seħħ trasferiment ta' oġġetti *on consigment.*

Fil-prinċipju, jirriżulta li s-soċjetá attriċi kkonsenjat oġġetti lill-konvenuti versu ħlas ta' prezz determinat, li, *prima facie*, jindika li n-negozju kien wieħed ta' bejgħ; dan hu hekk sakemm il-provi ma jurux mod ieħor. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma ġiex muri mod ieħor f'dan il-każ.

Ma' kull konsenja, is-soċjetá attriċi kienet toħroġ *invoice/cash sale* li kienet tiġi ffirmata mill-konvenuta. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa indikattiv li hawn si tratta minn bejgħ u mhux xi ħaġa oħra. L-ewwel Qorti qalet li meta l-konvenuta ffirmat dokumenti intestati bl-isem tas-soċjetá, fehmet li n-negozju kien ma' soċjetá u mhux ma' persuna fiżika.

Bl-istess argument, meta din l-istess konvenuta ffirmat *invoice/cash sale*, kellha tifhem li kien qed isir bejgħ u mhux negozju ieħor. Il-kliem *cash sale* u *invoice* huma żewġ metodi mill-aktar ċari ta' bejgħ; waħda hija bejgħ bil-ħlas isir fil-pront, u l-oħra hija xorta bejgħ, pero`, bil-ħlas ikun pospost.

Il-konvenuta tgħid li l-ftehim kien li s-soċjetá attriċi tforni l-ħwejjeġ u hi tesebihom fil-ħanut tagħha, u l-profitt mill-bejgħ jinqasam regolarment bejn il-partijiet. Dan, pero`, hu ftehim ftit xott biex ikunu reali. Kulħadd jaf li l-bejgħ ta' ħwejjeġ hu marbut mal-istaġun u l-moda taż-żmien, u ħwejjeġ li ma jinbiegħux fi żmienhom iridu jitwarbu. Il-konvenuta tgħid li jekk l-oġġett ma jinbiegħx, jittieħed lura mis-soċjetá attriċi. Din il-Qorti diffiċli taccetta li l-konvenuti jaċċettaw li jesponu l-ħwejjeġ tas-soċjetá attriċi fil-ħanut tagħhom, jagħmlu modifikazzjonijiet għall-*upgrade* tal-ħanut, jaħlu ż-żmien tagħhom fil-ħanut u jekk ma jsirx bejgħ ma jieħdu ebda kumpens jew kommissjoni. Din il-Qorti ssibha difficli temmen li l-konvenuti kienu lesti jofru s-servizzi tagħhom lis-soċjetá attriċi b'xejn.

Ta' min isemmi wkoll li l-ħlasijiet li kienu jagħmlu akkont il-konvenuti ma kienux relatati mal-bejgħ. Il-libret li kienet iżżomm il-konvenuta ma hux miżmum biex jirrispekkja l-qsim tal-profit ugwali bejn il-partijiet. Il-libret juri l-bejgħ li sar u l-ħlas li sar lis-soċjetá attriċi, pero`, ma jurix il-profitt

mill-bejgħ u kif dan għandu jinqasam. Il-ħlasijiet li saru ma jwasslux għal nofs il-profitti li saru, kif jallegaw il-konvenuti.

Il-fatt li r-rappreżentant tas-soċjetá attriċi mar jagħmel *stock take* tal-merċa mhux fattur li juri li n-negozju kien neċessarjament *on consignment*, fid-dawl tal-ispjegazzjoni plawsibbli li ta dan l-istess rappreżentant. Dan qal li l-konvenuti kienu waqgħu lura fil-pagamenti tal-ħwejjeġ konsenjati, u l-konvenuti qalulu li huma ma kienux f'posizzjoni li jħallsu peress li ma kienux qed ikollhom bejgħ, u hu, għalhekk, ried jivverifika dan għalih innifsu. Dan sab li, fil-fatt, il-konvenuti kienu qed jagħmlu bejgħ mill-ħanut, u meta ġibdilhom l-attenzjoni li bejgħ kien qed isir b'ritmu tajjeb, il-konvenuti ħallsu s-somma ta' €2500 bħala pagament akkont. Hu ried ukoll jiċċekkja jekk il-konvenuti jifilħux xogħol ulterjuri, kif talbu, biex ma jkabbarx il-ferita li gia kellu bid-dejn eżistenti.

Kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Peralta noe v. Moz-Art Ltd**, deċiża fil-25 ta' Ġunju, 2015, biex ikun ftehim ta' bejgħ *on consignment*, "*dan irid jirriżulta ċar*", u bħal f'dak il-każ, lanqas f'din il-kawża ma hemm provi ċari dwar ftehim fis-sens li jgħidu l-konvenuti. Il-provi jindikaw negozju sempliċi ta' bejgħ bi ħlas pospost, u ma ġiex muri b'mod ċar u konklussiv li n-negozju bejn il-partijiet ma kienx ta' bejgħ pur u sempliċi. It-talba tas-soċjetá attriċi għall-ħlas ta' sittax-il elf u

sebgha u disghin ewro u sebgha u ghoxrin centezimu (€16,097.27) tirriżulta, għalhekk, dovuta u għandha titħallas lilha mill-konvenuti kif mitlub.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-soċjetá attriċi billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u minflok tgħaddi biex tilqa' t-tieni talba attriċi kif dedotta, u bl-imgħaxijiet kif mitluba.

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu wkoll mill-konvenuti appellati *in solidum.*

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb/df